Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża)

8 ta' Ġunju 2021 *

"Rikors għal annullament – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom – Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ – Ċittadini tar-Renju Unit – Telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni – Nuqqas ta' inċidenza individwali – Att mhux regolatorju – Inammissibbiltà"

Fil-Kawża T-252/20,

Joshua Silver, residenti f'Bicester (ir-Renju Unit), u r-rikorrenti l-oħrajn li isimhom jidher fl-Anness[1], irrappreżentati minn P. Tridimas, barrister, D. Harrison u A. von Westernhagen, solicitors,

rikorrenti,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn M. Bauer, R. Meyer u J. Ciantar, bħala aġenti,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 1),

IL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża),

komposta minn A. Kornezov, President, E. Buttigieg, K. Kowalik-Bańczyk (Relatriċi), G. Hesse u M. Stancu, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

[1] Il-lista tar-rikorrenti l-oħrajn hija annessa biss mal-verżjoni nnotifikata lill-partijiet.

Digriet

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, Joshua Silver u r-rikorrenti l-oħrajn li isimhom jidher fl-Anness, huma ċittadini tar-Renju Unit residenti fi Franza u fir-Renju Unit.

2 Fit-23 ta' Ġunju 2016, iċ-ċittadini tar-Renju Unit ivvutaw f'referendum favur il-ħruġ tal-pajjiż tagħhom mill-Unjoni Ewropea.

3 Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ikkomunika lill-Kunsill Ewropew l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50(2) TUE.

4 Fl-24 ta' Jannar 2020, ir-rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit iffirmaw il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 7, iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar il-Ħruġ").

5 Fit-30 ta' Jannar 2020, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/135 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata"). Skont l-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni, il-Ftehim dwar il-Ħruġ ġie approvat f'isem l-Unjoni u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

6 Fil-31 ta' Jannar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Fl-1 ta' Frar 2020, daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

7 Permezz ta' rikors irreġistrat fit-23 ta' April 2020, ir-rikorrenti ressqu l-kawża preżenti.

8 Permezz ta' att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Ġunju 2020, tnejn mir-rikorrenti talbu l-benefiċċju tal-anonimat. Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2020, il-Qorti Ġenerali laqgħet din it-talba.

9 Permezz ta' att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-27 ta' Lulju 2020, il-Kunsill qajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

10 Fit-8 ta' Settembru 2020, ir-rikorrenti ppreżentaw fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

11 Fil-frattemp, permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni Ewropea talbet li tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kunsill. Permezz ta' ittri ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 u fil-31 ta' Awwissu 2020 rispettivament, ir-rikorrenti u l-Kunsill ħadu nota ta' din it-talba għal intervent.

12 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Awwissu 2020, British in Europe, assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Franċiż, talbet li tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti. Permezz ta' ittri ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti u l-Kunsill ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar din it-talba għal intervent.

13 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Awwissu 2020, Plaid Cymru – The Party of Wales, partit politiku rregolat mid-dritt Brittaniku, talab li jintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti. Permezz ta' ittri ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti u l-Kunsill ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar din it-talba għal intervent.

14 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Awwissu 2020, European Democracy Lab, assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Ġermaniż, talbet li tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti. Permezz ta' ittri ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti u l-Kunsill ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar din it-talba għal intervent.

15 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Awwissu 2020, ECIT, fondazzjoni ta' benefiċċju pubbliku rregolata mid-dritt Belġjan, talbet li tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti. Permezz ta' ittri ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti u l-Kunsill ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar din it-talba għal intervent.

16 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Awwissu 2020, European Alternatives Ltd, li tippreżenta ruħha bħala grupp ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kkostitwita minn kumpannija rregolata mid-dritt Ingliż u mid-dritt ta' Wales, minn assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Franċiż, minn assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Ġermaniż u minn assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Taljan, talbet li tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti. Permezz ta' ittri ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti u l-Kunsill ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar din it-talba għal intervent.

17 Permezz ta' digriet tal-5 ta' Novembru 2020, il-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla), fuq il-bażi tal-Artikolu 130(7) tar-Regoli tal-Proċedura, għaqqdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mal-mertu u rriżervat l-ispejjeż.

18 Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Novembru 2020, il-Qorti Ġenerali bagħtet il-kawża quddiem l-Għaxar Awla Estiża, skont l-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura.

19 Il-Kunsill ippreżenta r-risposta fit-8 ta' Frar 2021. Fil-11 ta' Frar 2021, il-President tal-Għaxar Awla Estiża ddeċieda li ma jikkomunikax din ir-risposta lir-rikorrenti.

20 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Frar 2021, il-Kunsill stieden lill-Qorti Ġenerali teżamina, f'din il-kawża, l-opportunità li tissospendi l-proċedura b'applikazzjoni tal-Artikolu 69(d) tar-Regoli tal-Proċedura sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar it-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari rreġistrati bir-referenzi C-673/20 u C-32/21 jew li tastjeni b'applikazzjoni tal-Artikolu 128 tal-istess regoli sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tagħti deċiżjoni konġuntament dwar dan ir-rikors u dwar dawk it-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari. Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru fis-17 ta' Frar 2021,

ir-rikorrenti talbu li jiġu mgħarrfa bir-risposta sabiex ikunu jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-opportunità ta' sospensjoni jew ta' astensjoni. Fit-22 ta' Frar 2021, il-President tal-Għaxar Awla Estiża ddeċieda li jikkomunika lir-rikorrenti l-punti 42 u 61 tal-imsemmija risposta. Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru fl-10 ta' Marzu 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-opportunità ta' sospensjoni jew ta' astensjoni. Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Marzu 2021, il-President tal-Għaxar Awla Estiża ddeċieda li ma jissospendix il-proċedura.

21 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn "iċċaħħadhom […] mill-istatus tagħhom ta' ċittadin[i] tal-Unjoni u mid-drittijiet li huma jisiltu minnu";

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

22 Fl-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq is-suġġeriment ta' astensjoni

23 Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 54 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jinġiebu kawżi fejn tkun qiegħda ssir l-istess talba, fejn titqajjem l-istess kwistjoni ta' interpretazzjoni jew jitqanqal dubju dwar il-validità tal-istess att, il-Qorti Ġenerali tista', wara li tkun semgħet il-partijiet, twaqqaf il-proċedimenti sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tat sentenza, jew, fejn ir-rikorsi jitressqu skont l-Artikolu 263 TFUE, tastjeni milli taċċetta l-ġurisdizzjoni sabiex hekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tagħti deċiżjoni dwar dawk ir-rikorsi.

24 Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-Qorti Ġenerali tista' tastjeni minn kawża biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jkunu t-tnejn aditi b'rikors għal annullament.

25 Issa, fil-każ ineżami, il-Kunsill jissuġġerixxi lill-Qorti Ġenerali tastjeni sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tagħti deċiżjoni dwar dan ir-rikors flimkien maż-żewġ talbiet għal deċiżjonijiet preliminari (punt 20 iktar 'il fuq).

26 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma tistax tastjeni mill-kawża preżenti.

Fuq il-possibbiltà li tingħata deċiżjoni permezz ta' digriet

27 Skont l-Artikolu 130(1) u (7) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-konvenut jagħmel talba f'dan is-sens, il-Qorti Ġenerali tista' tagħti deċiżjoni dwar l-inammissibbiltà mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża. B'applikazzjoni tal-Artikolu 130(6) ta' dawn ir-regoli, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

28 Skont il-ġurisprudenza, il-possibbiltà li rikors jiġi miċħud bħala inammissibbli permezz ta' digriet motivat, u għalhekk mingħajr ma tinżamm seduta, ma hijiex eskluża mill-fatt li l-Qorti Ġenerali tkun preċedentement adottat digriet li jgħaqqad mal-mertu eċċezzjoni ppreżentata abbażi tal-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura (ara, f'dan is-sens, id-digriet tad-19 ta' Frar 2008, Tokai Europe vs Il-Kummissjoni, C-262/07 P, mhux ippubblikat, EU:C:2008:95, punti 26 sa 28).

29 Fil-każ ineżami, minkejja li ddeċidiet, permezz ta' digriet tal-5 ta' Novembru 2020, li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill tingħaqad mal-mertu, il-Qorti Ġenerali issa tqis li għandha biżżejjed informazzjoni mid-dokumenti tal-proċess sabiex tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet dwar din l-eċċezzjoni.

Fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà

30 Il-Kunsill isostni li r-rikors huwa inammissibbli inkwantu r-rikorrenti ma għandhomx *locus standi* fir-rigward tad-Deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, l-ewwel nett, ir-rikorrenti ma humiex destinatarji ta' din id-deċiżjoni. It-tieni nett, ir-rikorrenti ma humiex ikkonċernati individwalment mill-imsemmija deċiżjoni. It-tielet nett, id-Deċiżjoni kkontestata, minn naħa, tinkludi miżuri ta' implimentazzjoni u, min-naħa l-oħra, ma hijiex att regolatorju.

31 Ir-rikorrenti jikkontestaw l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà. Huma jsostnu, minn naħa, li huma direttament u individwalment ikkonċernati mid-Deċiżjoni kkontestata u, min-naħa l-oħra, li din id-deċiżjoni hija att regolatorju li jikkonċernahom direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni.

32 Hemm lok li jitfakkar li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, tressaq rikors kontra tliet tipi ta' atti, jiġifieri, l-ewwel nett, atti indirizzati lilha, it-tieni nett, atti li jikkonċernawha direttament u individwalment u, it-tielet nett, atti regolatorji li jikkonċernawha direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni.

33 Fil-każ ineżami, il-*locus standi* tar-rikorrenti għandu jiġi evalwat fid-dawl tad-Deċiżjoni kkontestata biss. Madankollu, għandu jiġi osservat li l-istħarriġ tal-legalità li għandu jsir mill-qorti tal-Unjoni fuq deċiżjoni ta' konklużjoni ta' ftehim internazzjonali jista' jirrigwarda l-legalità tal-imsemmija deċiżjoni fid-dawl tal-kontenut stess tal-ftehim internazzjonali inkwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK, C-266/16, EU:C:2018:118, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan isegwi li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-*locus standi* tar-rikorrenti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura u l-kontenut tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

34 Qabel kollox għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti la huma destinatarji tad-Deċiżjoni kkontestata u lanqas tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Minn dan isegwi li huma ma għandhomx dritt għal azzjoni legali abbażi tal-ewwel parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, fatt li, barra minn hekk, huma ma jikkontestawx.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat jekk ir-rikorrenti għandhomx dritt għal azzjoni legali abbażi ta' wieħed jew l-ieħor mill-każijiet previsti mit-tieni u mit-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fuq il-locus standi ***tar-rikorrenti fid-dawl tat-tieni parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE***

36 Għandu jitfakkar li l-kundizzjonijiet għall-inċidenza diretta, minn naħa, u għall-inċidenza individwali, min-naħa l-oħra, previsti mit-tieni parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE huma kumulattivi (ara s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 75 u 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, hemm lok li l-ewwel nett jiġi eżaminat jekk it-tieni kundizzjoni, li tirrigwarda l-inċidenza individwali tar-rikorrenti, hijiex issodisfatta.

38 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, sabiex titqies li tkun individwalment ikkonċernata minn att li tiegħu ma tkunx id-destinatarja, persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun milquta minn dan l-att minħabba ċerti kwalitajiet li jkunu partikolari għaliha jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzaha meta mqabbla ma' kull persuna oħra u, minħabba dan il-fatt, tindividwalizzaha b'mod simili bħalma jkun individwalizzat id-destinatarju ta' deċiżjoni (sentenzi tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni, 25/62, EU:C:1963:17, p. 223, u tat-13 ta' Marzu 2018, European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni, C-384/16 P, EU:C:2018:176, punt 93).

39 Konsegwentement, il-possibbiltà li jiġu ddeterminati, bi ftit jew wisq preċiżjoni, in-numru jew anki l-identità tal-individwi li għalihom tapplika miżura bl-ebda mod ma timplika li dawn l-individwi għandhom jitqiesu li huma kkonċernati individwalment minn din il-miżura, peress li din l-applikazzjoni ssir abbażi ta' sitwazzjoni oġġettiva ta' liġi jew ta' fatt iddefinita mill-att inkwistjoni (sentenzi tat-22 ta' Novembru 2001, Antillean Rice Mills vs Il-Kunsill, C-451/98, EU:C:2001:622, punt 52, u tat-13 ta' Marzu 2018, European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni, C-384/16 P, EU:C:2018:176, punt 94).

40 Bl-istess mod, il-fatt li att normattiv jista' jkollu effetti konkreti differenti għad-diversi individwi li għalihom japplika ma huwiex ta' natura li jikkaratterizzahom meta mqabbla mal-persuni kkonċernati l-oħra kollha, peress li l-applikazzjoni ta' dan l-att issir abbażi ta' sitwazzjoni oġġettivament iddeterminata (sentenza tat-22 ta' Frar 2000, ACAV *et* vs Il-Kunsill, T-138/98, EU:T:2000:45, punt 66, u d-digriet tat-3 ta' Diċembru 2008, RSA Security Ireland vs Il-Kummissjoni, T-227/06, EU:T:2008:547, punt 59).

41 Madankollu, il-fatt li dispożizzjoni jkollha, minħabba n-natura u l-portata tagħha, natura ġenerali inkwantu tkun tapplika għall-persuni kkonċernati b'mod ġenerali, ma jeskludix madankollu li hija tista' tikkonċerna individwalment uħud minnhom (sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, C-182/03 u C-217/03, EU:C:2006:416, punt 58, u tat-23 ta' April 2009, Sahlstedt *et* vs Il-Kummissjoni, C-362/06 P, EU:C:2009:243, punt 29).

42 Fil-fatt, meta att jolqot grupp ta' persuni li kienu identifikati jew setgħu jiġu identifikati fil-mument meta ttieħed dan l-att u abbażi ta' kriterji partikolari għall-membri ta' dan il-grupp, dawn il-persuni jistgħu jkunu kkonċernati individwalment minn dan l-att minħabba li jagħmlu parti minn ċirku ristrett ta' persuni. Dan jista' jkun partikolarment il-każ meta l-imsemmi att jemenda d-drittijiet kweżiti minn dawn il-persuni qabel l-adozzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM, C-125/06 P, EU:C:2008:159, punti 71 u 72 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni, C-132/12 P, EU:C:2014:100, punt 59).

43 Fil-każ ineżami, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li huma direttament u individwalment ikkonċernati mid-Deċiżjoni kkontestata sa fejn din iċċaħħadhom mill-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni u mid-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus.

44 B'mod iktar speċifiku, sabiex jiġġustifikaw l-inċidenza individwali fuqhom, ir-rikorrenti jispjegaw, l-ewwel nett, li huma jagħmlu parti minn ċirku magħluq ikkostitwit mill-persuni li għandhom il-kwalità ta' ċittadini tar-Renju Unit u, għaldaqstant, il-kwalità ta' ċittadini tal-Unjoni, fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u tad-Deċiżjoni kkontestata.

45 Skont ir-rikorrenti, in-natura "magħluqa" ta' dan iċ-ċirku ta' persuni tirriżulta mill-fatt li l-membri tal-imsemmi ċirku huma kollha identifikati jew jistgħu jiġu identifikati fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Ħruġ u tad-Deċiżjoni kkontestata u li ebda membru ġdid ma jista' sussegwentement jiżdied mal-imsemmi ċirku. Fil-fatt, il-persuni li jiksbu l-kwalità ta' ċittadini tar-Renju Unit wara l-ħruġ ta' dan l-Istat mill-Unjoni ma jistgħux jinvokaw l-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni.

46 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni huwa ta' natura permanenti u, bħala prinċipju, irrevokabbli u li ngħatalhom qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata. Konsegwentement, din id-deċiżjoni ċċaħħadhom minn dritt kweżit, li huwa speċifiku u esklużiv għall-membri taċ-ċirku magħluq li jagħmlu parti minnu.

47 It-tieni nett, ir-rikorrenti jsostnu li kull wieħed minnhom huwa affettwat, b'mod individwali, mit-telf tal-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni u tad-drittijiet relatati ma' dan l-istatus. F'dan ir-rigward, huma jinvokaw il-konsegwenzi tat-telf tal-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni u tad-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus, b'mod partikolari għal dawk fosthom li diġà eżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu. Huma jinvokaw b'mod partikolari:

– l-akkwist ta' dar fi Franza, ta' residenza permanenti effettiva jew prevista f'dan l-Istat Membru u tan-neċessità li wieħed jibbenefika minn assigurazzjoni għall-mard hemmhekk (erba' rikorrenti);

– l-eżerċizzju, fil-passat, tad-dritt ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew (rikorrenti waħda);

– l-eżerċizzju ta' attività professjonali fi Franza (rikorrent wieħed);

– studji universitarji li seħħew fil-passat jew previsti fil-futur fil-Ġermanja u proġetti ta' attività professjonali f'dan l-Istat Membru (żewġ rikorrenti);

– il-preżenza ta' membri tal-familja tagħhom jew ta' ħbieb fi Franza jew fil-Ġermanja (tliet rikorrenti).

48 It-tielet nett, ir-rikorrenti jistiednu lill-Qorti Ġenerali tevalwa b'mod wiesa' l-kundizzjoni tal-inċidenza individwali. Fil-fatt, din il-kundizzjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Barra minn hekk, din il-kawża tikkonċerna l-prinċipju ta' demokrazija u tolqot il-qalba tal-identità kostituzzjonali tal-Unjoni.

49 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti jqisu li l-kwistjoni tal-inċidenza individwali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżistenza ta' dritt kweżit, hija marbuta ma' dik tan-natura permanenti u irrevokabbli tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u ma tistax tiġi deċiża mingħajr eżami tal-mertu tal-kawża.

50 Għandu jiġi kkonstatat qabel kollox li l-argumenti tar-rikorrenti intiżi li jiġi stabbilit il-*locus standi* tagħhom skont it-tieni parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE huma bbażati fuq il-premessa li d-Deċiżjoni kkontestata twassal għat-"telf" jew iċ-"ċaħda" tal-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni u tad-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus.

51 F'dan ir-rigward, huwa ċertament minnu li la d-Deċiżjoni kkontestata u lanqas il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jirtiraw espressament l-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni għaċ-ċittadini tar-Renju Unit u d-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus.

52 Madankollu, mill-kliem u mill-istruttura tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u b'mod partikolari mis-sitt paragrafu tal-preambolu tiegħu, mill-Artikolu 2(b) sa (d), mill-Artikolu 10(1)(a) sa (d) tiegħu, u, b'mod iktar ġenerali, mit-tieni parti kollha tiegħu intitolata "Drittijiet taċ-Ċittadini", jirriżulta b'mod ċar li dan il-Ftehim jittratta ċ-ċittadini tar-Renju Unit, inklużi dawk li kienu ċittadini tal-Unjoni fid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bħala persuni li ma għandhomx, jew li ma għandhomx iktar, minn din id-data, il-kwalità ta' ċittadini tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-imsemmi ftehim ma jipprevedix li ċ-ċittadini tar-Renju Unit iżommu l-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni u d-drittijiet kollha marbuta ma' dan l-istatus.

53 Issa, għandu jiġi enfasizzat li, bla ebda dubju, it-telf jew il-fatt li ma jinżammx l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni jista' jaffettwa b'mod kunsiderevoli d-drittijiet ta' ċittadin ta' Stat Membru li joħroġ mill-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et*, C-621/18, EU:C:2018:999, punt 64). Iċ-ċittadini ta' tali Stat Membru, espatrijati fi Stat Membru ieħor, jistgħu iktar u iktar jiġu affettwati bil-ħruġ mill-Unjoni tal-Istat Membru li minnu joriġinaw, minħabba rabtiet maħluqa xi drabi sa minn żmien twil, kemm mill-perspettiva personali kif ukoll minn dik professjonali u ekonomika (digriet tas-16 ta' Ġunju 2020, Walker *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-383/19, mhux ippubblikat, EU:T:2020:269, punt 41).

54 Madankollu, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-inċidenza individwali u skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 38 iktar 'il fuq, huma r-rikorrenti li għandhom jiġġustifikaw li d-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn iċċaħħadhom mill-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni u mid-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus, tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalihom jew minħabba sitwazzjoni fattwali li tikkaratterizzahom meta mqabbla ma' kull persuna oħra u, minħabba dan il-fatt, tindividwalizzahom bl-istess mod bħal destinatarji.

55 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, huwa stabbilit li l-Ftehim dwar il-Ħruġ, b'mod partikolari sa fejn ma jipprevedix iż-żamma tal-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni għaċ-ċittadini tar-Renju Unit, japplika għaċ-ċittadini kollha ta' dan l-Istat u għalhekk għandu portata ġenerali.

56 Minn dan isegwi li d-Deċiżjoni kkontestata, li ddaħħal il-Ftehim dwar il-Ħruġ fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, hija fiha nnifisha att ta' portata ġenerali u, għal dan il-għan, tolqot lir-rikorrenti minħabba l-kwalità oġġettiva tagħhom ta' ċittadini tar-Renju Unit.

57 Fit-tieni lok, iċ-ċirkustanzi invokati mir-rikorrenti, imsemmija fil-punti 44 sa 46 iktar 'il fuq u bbażati fuq l-appartenenza għal grupp ta' persuni li kisbu l-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni minħabba l-kwalità tagħhom ta' ċittadini tar-Renju Unit ma jippermettux li jiġi kkunsidrat li r-rikorrenti jagħmlu parti minn ċirku ristrett ta' persuni fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 42 iktar 'il fuq.

58 Fil-fatt, l-ewwel nett, id-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn hija ċċaħħad liċ-ċittadini tar-Renju Unit mill-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni u mid-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus, ġiet adottata b'teħid inkunsiderazzjoni tal-kwalità oġġettiva tagħhom ta' persuni li għandhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru li ser joħroġ mill-Unjoni (punt 56 iktar 'il fuq) u, barra minn hekk, mingħajr ma ttieħdu inkunsiderazzjoni l-partikolaritajiet tas-sitwazzjonijiet individwali tagħhom, b'tali mod li l-imsemmija ċittadini ma humiex speċifikament ikkonċernati minn din id-deċiżjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' April 2015, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni, C-456/13 P, EU:C:2015:284, punti 66 u 67, u d-digriet tal-20 ta' Mejju 2020, Nord Stream vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-530/19, EU:T:2020:213, punt 64). Minn dan isegwi li r-rikorrenti, kif jirrikonoxxu huma stess, huma kkonċernati mid-Deċiżjoni kkontestata biss bl-istess mod bħaċ-ċittadini l-oħra kollha tar-Renju Unit. Għaldaqstant, iċ-"ċirku magħluq" li huma jinvokaw jirriżulta min-natura stess tas-sistema stabbilita mid-Deċiżjoni kkontestata (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 1996, Weber vs Il-Kummissjoni, T-482/93, EU:T:1996:97, punt 65, u tas-6 ta' Ġunju 2013, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni, T-279/11, EU:T:2013:299, punti 84 u 89).

59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 39 iktar 'il fuq, iċ-ċirkustanzi, minn naħa, li n-numru, jew l-identità, tal-persuni li jagħmlu parti miċ-"ċirku magħluq" invokat mir-rikorrenti jistgħu jiġu ddeterminati bi ftit jew wisq preċiżjoni u, min-naħa l-oħra, li dan iċ-ċirku ma jistax iktar jiġi estiż wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni kkontestata ma humiex, fihom innifishom, tali li jirrendu lil dawn il-persuni individwalment ikkonċernati minn din id-deċiżjoni.

60 It-tieni nett, bil-kontra ta' dak li jallegaw ir-rikorrenti, l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u d-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala drittijiet "speċifiċi" jew "esklużivi". Fil-fatt, fil-mument tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, iċ-ċittadini kollha ta' dan l-Istat, li dak iż-żmien kienu membri tal-Unjoni, kellhom l-imsemmi status u d-drittijiet marbuta mal-imsemmi status. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni tal-membri taċ-"ċirku magħluq" invokat mir-rikorrenti ma tistax titqabbel ma' dik tar-rikorrent fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-18 ta' Mejju 1994, Codorniu vs Il-Kunsill (C-309/89, EU:C:1994:197, punti 21 u 22), li kienet prekluża milli tuża trade mark irreġistrata, li tikkostitwixxi dritt għall-proprjetà individwali u esklużiv min-natura tiegħu stess (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, id-digriet tat-23 ta' Novembru 2015, Beul vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-640/14, EU:T:2015:907, punt 48).

61 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma jistgħux isostnu li d-Deċiżjoni kkontestata ċaħħdithom minn dritt kweżit li huwa ta' natura speċifika jew esklużiva. Issa, is-sempliċi eżistenza ta' dritt kweżit jew suġġettiv, li l-portata jew l-eżerċizzju tiegħu huma potenzjalment affettwati mill-att kontenzjuż, ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi individwalizzata l-persuna li jkollha l-imsemmi dritt meta persuni oħra jistgħu jkollhom drittijiet simili u, għaldaqstant, jistgħu jinsabu fl-istess sitwazzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2011, Enviro Tech Europe u Enviro Tech International vs Il-Kummissjoni, T-291/04, EU:T:2011:760, punt 116 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Fit-tielet lok, id-diversi elementi invokati, b'mod personali, minn kull wieħed mir-rikorrenti u elenkati fil-punt 47 iktar 'il fuq jistgħu, l-iktar l-iktar, jistabbilixxu l-effetti konkreti, differenti u, jekk ikun il-każ, importanti, li jista' jkollu għal kull wieħed minnhom l-allegat telf tal-istatus ta'

ċittadin tal-Unjoni u tad-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus. Min-naħa l-oħra, l-ebda wieħed minn dawn l-elementi ma huwa tali li juri li t-telf ta' dan l-istatus u tad-drittijiet marbuta mal-imsemmi status ikollu għalihom konsegwenzi tant partikolari u tant speċifiċi li jindividwalizzahom meta mqabbla ma' kull persuna oħra, bl-istess mod bħad-destinatarji, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 38 iktar 'il fuq.

63 Fir-raba' lok, għal dak li jirrigwarda l-argument tar-rikorrenti li l-kundizzjoni tal-inċidenza individwali għandha tiġi interpretata b'mod wiesa', għandu jitfakkar li l-Artikolu 47 tal-Karta ma għandux l-għan li jbiddel is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju prevista mit-Trattati, u b'mod partikolari r-regoli dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati direttament quddiem il-qorti tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għandhom jiġu interpretati fid-dawl tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, mingħajr madankollu ma jiġu injorati dawn il-kundizzjonijiet, li huma espressament previsti mit-Trattat FUE (ara s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 97 u 98 u l-ġurisprudenza ċċitata; is-sentenza tat-28 ta' April 2015, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni, C-456/13 P, EU:C:2015:284, punti 43 u 44).

64 Madankollu, il-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 47 tal-Karta ma tirrikjedix li individwu jista', b'mod inkundizzjonali, jippreżenta rikors għal annullament kontra atti li ma jaffettwawhx b'mod individwali.

65 Barra minn hekk, il-fatt, allegat mir-rikorrenti, li din il-kawża tikkonċerna l-prinċipju ta' demokrazija u tolqot il-qalba tal-identità kostituzzjonali tal-Unjoni huwa, fih innifsu, irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' jekk dawn tal-aħħar jissodisfawx il-kundizzjoni tal-inċidenza individwali. Fil-fatt, il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE japplikaw għal kull rikors għal annullament, mingħajr distinzjoni bejn il-kwistjonijiet imqajma dwar il-mertu. Barra minn hekk, il-kuntest fattwali ta' din il-kawża huwa differenti minn dak, speċifiku ħafna, tal-kawża li tat lok għas-sentenza tat-23 ta' April 1986, Les Verts vs Il-Parlament (294/83, EU:C:1986:166, punti 32 sa 37), iċċitata mir-rikorrenti, li fiha kien hemm inkwistjoni d-dritt għal azzjoni legali ta' grupp politiku mhux irrappreżentat fil-Parlament kontra atti tal-Parlament dwar l-għoti ta' krediti bil-għan tal-preparazzjoni tal-elezzjonijiet Ewropej u li fl-adozzjoni tagħhom kienu ppartecipaw gruppi politiċi rivali rrappreżentati fil-Parlament.

66 Fil-ħames lok, bil-kontra ta' dak li jallegaw ir-rikorrenti, il-kwistjoni tal-inċidenza individwali fuqhom tista', fil-każ ineżami, tiġi deċiża mingħajr ma jsir eżami tal-mertu tal-kawża u, b'mod partikolari, mingħajr ma jiġi eżaminat jekk l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni huwiex ta' natura permanenti u irrevokabbli.

67 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li r-rikorrenti ma humiex ikkonċernati individwalment mid-Deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant, mingħajr ma hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk dawn tal-aħħar humiex direttament ikkonċernati minn din id-deċiżjoni, huma ma għandhomx *locus standi* fid-dawl tat-tieni parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fuq il-locus standi ***tar-rikorrenti fid-dawl tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE***

68 Għandu jitfakkar li l-kundizzjonijiet marbuta, l-ewwel nett, man-natura regolatorja tal-att ikkontestat, it-tieni nett, mal-inċidenza diretta tar-rikorrenti u, it-tielet nett, mal-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni previsti fit-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE huma kumulattivi (ara, f'dan is-sens, id-digriet tad-19 ta' Novembru 2020, Buxadé Villalba *et* vs Il-Parlament, T-32/20, mhux ippubblikat, EU:T:2020:552, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, għandu l-ewwel nett jiġi eżaminat jekk l-ewwel kundizzjoni, relatata man-natura regolatorja tad-Deċiżjoni kkontestata, hijiex issodisfatta.

70 Għandu jitfakkar li l-kunċett ta' "atti regolatorji" fis-sens tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għandu portata iktar limitata minn dak ta' "atti", użat fl-ewwel u fit-tieni parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Għaldaqstant, dan il-kunċett ma jistax ikopri l-atti kollha ta' portata ġenerali, iżda jirrigwarda kategorija iktar ristretta ta' atti ta' din in-natura (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 58).

71 Konsegwentement, il-kunċett ta' "atti regolatorji", minn naħa, ikopri atti ta' portata ġenerali u, min-naħa l-oħra, ma jinkludux l-atti leġiżlattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 60 u 61).

72 Fil-każ ineżami, fl-ewwel lok, il-partijiet jaqblu, ġustament, meta jqisu li d-Deċiżjoni kkontestata hija att mhux leġiżlattiv ta' portata ġenerali.

73 Fil-fatt, minn naħa, huwa stabbilit li d-Deċiżjoni kkontestata hija att ta' portata ġenerali (punt 56 iktar 'il fuq).

74 Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li att legali ma jistax jiġi kklassifikat bħala att leġiżlattiv tal-Unjoni ħlief jekk ikun ġie adottat fuq il-bażi ta' dispożizzjoni tat-Trattati li tirreferi espressament jew għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jew għall-proċedura leġiżlattiva speċjali (sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill, C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631, punt 62). Fil-każ ineżami, id-Deċiżjoni kkontestata ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 50(2) TUE. Issa, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm din id-dispożizzjoni tippreċiża li l-ftehim li jistabbilixxi l-modalitajiet tal-ħruġ ta' Stat Membru huwa konkluż f'isem l-Unjoni mill-Kunsill, li jiddeċiedi b'maġġoranza kkwalifikata, wara l-approvazzjoni tal-Parlament, hija la tirreferi espressament għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja u lanqas għall-proċedura leġiżlattiva speċjali. Minn dan isegwi li d-Deċiżjoni kkontestata ma tistax tiġi kklassifikata bħala att leġiżlattiv.

75 Fit-tieni lok, il-partijiet ma jaqblux fuq il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-fatt li d-Deċiżjoni kkontestata hija att mhux leġiżlattiv ta' portata ġenerali. Skont ir-rikorrenti, din id-deċiżjoni ma tistax tkun ħlief att regolatorju. Skont il-Kunsill, l-imsemmija deċiżjoni la hija att leġiżlattiv u lanqas att regolatorju.

76 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, fis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625), il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx li l-kunċett ta' "atti regolatorji" jinkludi l-atti mhux leġiżlattivi kollha ta' portata ġenerali.

77 Huwa minnu li għandu jitfakkar li, f'sentenza sussegwenti, il-Qorti tal-Ġustizzja espressament ċaħdet l-interpretazzjoni li tipprovdi li jeżistu atti mhux leġiżlattivi ta' portata ġenerali li ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "atti regolatorji", fis-sens tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-kunċett ikopri l-atti mhux leġiżlattivi kollha ta' portata ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci, C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punti 24 u 28).

78 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873), l-att kontenzjuż kien deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Għalkemm għandha portata ġenerali minħabba l-fatt li hija tat deċiżjoni fuq sistemi nazzjonali, din id-deċiżjoni kienet ta' natura amministrattiva sinjifikattiva u kienet barra minn hekk ġiet adottata biss mill-Kummissjoni, mingħajr intervent mill-Kunsill u mill-Parlament. F'dan il-kuntest, l-argument imressaq mill-Kummissjoni li l-imsemmija deċiżjoni kienet att mhux leġiżlattiv ta' portata ġenerali li ma jaqax taħt il-kunċett ta' "atti regolatorji" ma għandu l-ebda bażi fil-formulazzjoni, fl-oriġini jew fl-għan tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 24 sa 27 ta' dik is-sentenza.

79 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex l-okkażjoni teżamina jekk id-deċiżjonijiet li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, u b'mod partikolari d-deċiżjonijiet li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehim li jistabbilixxi l-modalitajiet tal-ħruġ minn Stat Membru, għandhomx jiġu kklassifikati bħala atti regolatorji fis-sens tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

80 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat jekk il-kunċett ta' "atti regolatorji" jkoprix ukoll tali deċiżjonijiet.

81 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, bħal kull ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni, ftehim il jistabbilixxi l-modalitajiet tal-ħruġ ta' Stat Membru jorbot lill-istituzzjonijiet tagħha u jipprevali fuq l-atti adottati minnhom (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2015, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Stichting Natuur en Milieu u Pesticide Action Network Europe, C-404/12 P u C-405/12 P, EU:C:2015:5, punt 44 u l-ġurisprudenza stabbilita).

82 Minn din is-supremazija tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni fuq it-testi tad-dritt sekondarju jirriżulta li l-Ftehim dwar il-Ħruġ għandu, fil-ġerarkija tar-regoli, grad ogħla minn dak ta' atti oħra ta' portata ġenerali, kemm leġiżlattivi kif ukoll regolatorji.

83 Minn dan isegwi li d-Deċiżjoni kkontestata tintroduċi, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, regoli li jinsabu fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, li jipprevalu fuq l-atti leġiżlattivi u regolatorji u li, għaldaqstant, ma jistgħux huma stess ikunu ta' natura regolatorja.

84 It-tieni nett, fid-dawl tal-proċedura ta' adozzjoni tiegħu u l-istess bħal fil-każ ta' ftehimiet internazzjonali oħrajn konklużi mill-Unjoni, il-Ftehim ta' Ħruġ jista' jitqies li huwa, fuq il-livell estern, ekwivalenti għal dak li huwa att leġiżlattiv fuq il-livell intern (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, l-Opinjoni 1/15 (Ftehim PNR UE-Kanada), tas-26 ta' Lulju 2017, EU:C:2017:592, punt 146).

85 Fil-fatt, il-Ftehim dwar il-Ħruġ ġie konkluż f'isem l-Unjoni mill-Kunsill, wara l-approvazzjoni tal-Parlament, skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 50(2) TUE. Sa fejn tinvolvi lill-Kunsill u l-Parlament, din il-proċedura tixbah lill-proċeduri leġiżlattivi ordinarji u speċjali ddefiniti fl-Artikolu 289(1) u (2) TFUE u msemmija fl-Artikolu 21(2) u (3), fl-Artikolu 22(1) u (2), fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 23, fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24, fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 25 u fl-Artikolu 228(4) TFUE li abbażi tagħhom dawn iż-żewġ istituzzjonijiet jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Barra minn hekk, bil-kontra ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, iċ-ċittadini tal-Unjoni li huma ċittadini tal-Istat Membru li jkun ser joħroġ mill-Unjoni jipparteċipaw fl-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' konklużjoni ta' ftehim li jistabbilixxi l-modalitajiet tal-ħruġ ta' dan l-Istat, peress li l-Artikolu 50 TUE ma jipprevedi l-esklużjoni ta' ebda Membru tal-Parlament waqt l-approvazzjoni ta' tali ftehim mill-Parlament.

86 Minn dan isegwi li d-Deċiżjoni kkontestata tintroduċi fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni regoli, li jinsabu fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, li huma kkaratterizzati minn leġittimità demokratika partikolarment għolja, l-istess bħal dawk li jidhru f'att leġiżlattiv. Issa, hija preċiżament il-leġittimità demokratika partikolarment għolja tal-leġiżlazzjoni adottata skont proċedura li tipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Kunsill u tal-Parlament li tiġġustifika l-assenza ta' flessibbiltà fil-kundizzjonijiet li fihom l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament kontra l-atti leġiżlattivi (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:21, punt 38).

87 Barra minn hekk, fi wħud mill-verżjonijiet lingwistiċi tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-kunċett ta' "atti regolatorji" jevoka iktar l-atti tas-setgħa eżekuttiva iktar milli tas-setgħa leġiżlattiva (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:21, punt 41). Issa, deċiżjoni li tapprova l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali jew ta' ftehim li jistabbilixxi l-modalitajiet tal-ħruġ ta' Stat Membru, bħad-Deċiżjoni kkontestata, ma tistax tiġi assimilata ma' att tas-setgħa eżekuttiva.

88 It-tielet nett, ikun inkoerenti u paradossali li jkun hemm flessibbiltà fil-kundizzjonijiet li fihom l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament kontra d-Deċiżjoni kkontestata billi jikklassifikawha bħala att regolatorju. Fil-fatt, tali flessibbiltà jkollha l-konsegwenza li l-individwi jkunu jistgħu jikkontestaw iktar faċilment regola legali partikolari meta din tkun tinsab fi ftehim internazzjonali, bħall-Ftehim dwar il-Ħruġ, u sussegwentement tiġi introdotta fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni permezz ta' deċiżjoni li tapprova l-konklużjoni tal-ftehim inkwistjoni, bħad-Deċiżjoni kkontestata, milli meta l-istess regola legali tkun tinsab f'att leġiżlattiv li jkollu kontenut identiku u jokkupa pożizzjoni inferjuri fil-ġerarkija tar-regoli.

89 Ir-raba' nett, mill-oriġini tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jirriżulta li l-awturi tal-abbozz ta' Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u sussegwentement dawk tat-Trattat ta' Lisbona ma kellhomx l-intenzjoni speċifika li jagħtu flessibbiltà fil-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tar-rikorsi tal-individwi diretti kontra d-deċiżjonijiet li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, bħal, b'mod partikolari, id-deċiżjonijiet li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehim li jistabbilixxi l-modalitajiet tal-ħruġ ta' Stat Membru. B'mod partikolari, ix-xogħol preparatorju tal-abbozz ta' Trattat li jistabbilixxi

Kostituzzjoni għall-Ewropa, u b'mod partikolari tal-Artikolu III-365(4) tiegħu, li l-kontenut tiegħu ġie riprodott fi kliem identiku fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, bl-ebda mod ma juri li l-imsemmija awturi xtaqu li tali deċiżjonijiet jiġu kklassifikati bħala "atti regolatorji" fis-sens ta' dawn iż-żewġ artikoli.

90 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kunċett ta' "atti regolatorji" fis-sens tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jinkludix id-deċiżjonijiet li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, bħal, b'mod partikolari, id-deċiżjonijiet li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehim li jistabbilixxi l-modalitajiet tal-ħruġ ta' Stat Membru.

91 Għaldaqstant, id-Deċiżjoni kkontestata ma tistax tiġi kklassifikata bħala att regolatorju fis-sens tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

92 Din il-konklużjoni ma hijiex imminata mill-argumenti l-oħra tar-rikorrenti.

93 L-ewwel nett, il-fatt li d-Deċiżjoni kkontestata ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* taħt it-titolu "Atti mhux leġiżlattivi" ma jimplikax li din id-deċiżjoni hija neċessarjament att regolatorju. Minn dan isegwi li din il-pubblikazzjoni ma kinitx tali li tiżgwida lill-individwi dwar il-possibbiltajiet ta' rimedju li kellhom kontra l-imsemmija deċiżjoni.

94 It-tieni nett, il-klassifikazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata bħala att ta' portata ġenerali li la huwa leġiżlattiv u lanqas regolatorju ma tmurx kontra l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Fil-fatt, dawn il-prinċipji ma jistgħux jiġu interpretati bħala li ma jippermettux il-kjarifika gradwali tar-regoli ta' ammissibbiltà ta' rikorsi permezz ta' interpretazzjoni ġurisprudenzjali, sakemm dawn ikunu raġonevolment prevedibbli (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 167 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, fil-każ ineżami, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "atti regolatorji" adottata fil-punt 90 iktar 'il fuq kienet raġonevolment prevedibbli fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tad-deċiżjonijiet li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, bħal, b'mod partikolari, id-deċiżjonijiet li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehim li jistabbilixxi l-modalitajiet tal-ħruġ ta' Stat Membru.

95 It-tielet nett, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, ma jeħtieġx li individwu għandu jkun jista', mingħajr ma jkun suġġett għal ebda kundizzjoni, jippreżenta rikors għal annullament, direttament quddiem il-qorti tal-Unjoni, kontra atti ta' portata ġenerali li ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "atti regolatorji" (ara, b'analoġija, għal dak li jikkonċerna l-atti leġiżlattivi, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 105, u tad-9 ta' Novembru 2017, SolarWorld vs Il-Kunsill, C-204/16 P, EU:C:2017:838, punt 66).

96 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, mingħajr ma hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk id-Deċiżjoni kkontestata taffettwax direttament lir-rikorrenti u jekk din tinkludix miżuri ta' implimentazzjoni, dawn tal-aħħar ma għandhomx *locus standi* fid-dawl tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

97 Minn dan isegwi li l-Kunsill huwa ġġustifikat meta jsostni li r-rikorrenti ma għandhomx *locus standi*. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tintlaqa' u, konsegwentement, ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq it-talbiet għal intervent

98 Skont l-Artikolu 142(2) tar-Regoli tal-Proċedura, l-intervent jitlef l-għan tiegħu meta r-rikors jiġi ddikjarat inammissibbli. Fil-każ ineżami, peress li r-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent imressqa mill-Kummissjoni, minn British in Europe, minn Plaid Cymru – The Party of Wales, minn European Democracy Lab, minn ECIT u minn European Alternatives Ltd.

Fuq l-ispejjeż

99 Fl-ewwel lok, skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li jiġu kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk imġarrba mill-Kunsill, skont it-talbiet ta' dan tal-aħħar, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mat-talbiet għal intervent.

100 Fit-tieni lok, skont l-Artikolu 144(10) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk l-istanza fil-kawża prinċipali tingħalaq qabel tingħata deċiżjoni dwar talba għal intervent, min ikun ressaq it-talba għal intervent u l-partijiet prinċipali għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talba għal intervent. Fil-każ ineżami, ir-rikorrenti, il-Kunsill, il-Kummissjoni, British in Europe, Plaid Cymru – The Party of Wales, European Democracy Lab, ECIT u European Alternatives Ltd għandhom kollha jbatu l-ispejjeż tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża)

tordna:

1) **Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.**

2) **Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tal-Kummissjoni Ewropea, ta' British in Europe, ta' Plaid Cymru – The Party of Wales, ta' European Democracy Lab, ta' ECIT u ta' European Alternatives Ltd.**

3) **Joshua Silver u r-rikorrenti l-oħrajn li isimhom jidher fl-Anness huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk imġarrba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mat-talbiet għal intervent.**

4) **J. Silver u r-rikorrenti l-oħrajn li isimhom jidher fl-Anness, il-Kunsill, il-Kummissjoni, British in Europe, Plaid Cymru – The Party of Wales, European Democracy Lab, ECIT u European Alternatives Ltd għandhom kollha jbatu l-ispejjeż relatati mat-talbiet għal intervent.**

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-8 ta' Ġunju 2021.

Reġistratur
E. Coulon

Il-President
A. Kornezov